Avviz Numru CCT 29/14/GB

**Melvin Magri**

**vs**

**SMS Mondial Ltd.**

Illum 2 ta' April 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-5 ta' Frar, 2014 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' erbgha mija u dsatax-il Ewro u hamsin centezmi (€419.50), rapprezentanti 'tour' li huwa bbukja minghand is-socjeta' ntimata, liema 'tour' ma kienx tal-livell li huwa kienu hallas ghalih.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa f'ismu u f'isem il-membri tal-familja tieghu, Christiane Magri, Antonia Magri u Keane Magri, qieghed jitlob il-kumpens fl-ammont ta' erbgha mija u dsatax-il Ewro u hamsin *ċenteżmi (€419.50) minghand is-socjeta' ntimata, minhabba numru ta' nuqqasijiet* fl-implimentazzjoni tat-'tour' li sar fl-14 sal-21 ta' Awissu 2013 gewwa Slovenia.

Ir-rikorrent qieghed jitlob kumpens ta' mija sitta u erbghin Ewro (€146.00) li jirrappreżentaw l-ispejjez ta' l-eskursjoni tal-Hadd 18 ta' Awissu 2013 ghal tliet adulti u tifel. Din l-eskursjoni ġiet mibdula totalment minn kif kienet deskritta fil-'brochure' u minghajr pre-avviz b'rizultat li r-rikorrent u l-familja tieghu sofrew 'stress' u 'travel sickness'. Huma gew michuda wkoll li jgawdu post partikolari ghaliex ix-xufier ma sabx parkeġġ.

Ir-rikorrent qiegħed jitlob kumpens ta' tmienja u erbgħin Ewro u ħamsin ċenteżmi (€48.50) li huma terz ta' l-ispejjez għal tliet adulti u tifel, ta' l-eskursjoni tat-Tnejn 19 ta' Awissu 2013, *fuq tibdil mingħajr pre-avviz, fejn huma ttieħdu jaraw post ieħor minflok il-post ippjanat hekk* skond il-'brochure'.

Ir-rikorrent qiegħed jitlob ukoll kumpens ta' mitejn u għoxrin Ewro (€220.00), li hija s-somma ta' l-'upgrade' għal tliet adulti u tifel, li huwa ħallas biex il-lukanda tkun '4 star'. Mal-wasla tagħhom, huma gew nfurmati li kulħadd kien ha jkollu 'free upgrade' pero' dan ma seħħx għax dawk li ħallsu għal lukanda '3 star' biss gew 'upgraded', u huma baqgħu fil-lukanda '4 star'.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrent qed jallega numru ta' nuqqasijiet fl-implimentazzjoni ta' dan it-'tour' pero' ma specifikax x'kienu dawn in-nuqqasijiet.

L-ilment huwa wieħed bla bażi, għaliex l-ewwelnett kwalunkwe 'tour leader' jista' jbiddel is-sekwenza tal-programm, basta dan isir fit-totalita' tiegħu skond il-'brochure'. Ħafna drabi dan it-tibdil isir minħabba diversi raġunijiet bħal traffiku, ħinijiet li jkunu marbuta bihom biex jaslu f'certi postijiet fosthom 'department stores' u ċirkustanzi oħra biex, għal kuntrarju ta' dak li qed jiġi allegat, is-sekwenza tal-gita tkun iżjed prattikabbli.

M'huwiex minnu li l-eskursjoni ta' Vrsic Pass ma saritx skond il-programm. Il-programm jindika li l-waqfa f'Postarski Dom kellha tkun waħda qasira.

L-eskursjoni ta' Worthersee saret kif hemm fil-programm. Is-socjeta' ntimata ma setgħatx iżżur biss post wieħed, Hochosterwitz Castle, iżda l-grupp kien infurmat b'dan u t-'tour leader' issuġġeriet li teħodhom 'Minimundus Park' minflok. Kulħadd qabel ma' dan is-suggeriment u hekk sar.

Rigwardanti l-aħħar ilment tar-rikorrent, dan huwa kompletament żbaljat. Li gara kien illi l-grupp kien imqassam f'żewg lukandi, waħda '3 star' u l-oħra '4 star'. Ir-rikorrenti kienu ħallsu għal '4 star'. Gara li meta l-grupp wasal Lake Bled, il-lukanda '3 star' ma kellhiex post għal dawk kollha li ħallsu biex joqgħodu fit-'3 star'. Biex is-socjeta' ntimata ssolvi din il-problema, ma kellhiex għażla oħra ħlief li tittrasferihom fil-lukanda '4 star'. Dan ifisser li ħadu 'upgrade' b'xejn. Iżda, biex ma ssirx inġustizzja ma' dawk li kienu ħallsu għal '4 star', gie deċiż li dawk li ħadu 'upgrade' b'xejn jingħataw kmamar mingħajr 'lake view' u mingħajr arja kkundizzjonata, u dawk li kienu ħallsu għal '4 star' jingħataw kmamar bil-'lake view' u bl-arja kkundizzjonata mingħajr ma ħallsu extra għalihom. Għalhekk ir-rikorrenti ħadu 'upgrade' b'xejn ukoll.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa erbgha (4) dokumenti li gew immarkati bhala Dok.MM1 sa Dok.MM4.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Xehdet Carmen Camilleri, prodotta mis-socjeta' ntimata.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, ihoss illi huwa l-obbligu tieghu u fid-dmirijiet tieghu li jikkummenta dwar il-fatt illi nonostante d-drittijiet ta' kull konsumatur, liema drittijiet ghandhom dejjem jigu osservati u rrispettati, ma jista' qatt jigi ttollerat l-abbuz ta' tali drittijiet da parti tal-konsumatur stess, b'dana illi l-konsumatur ikun irid izomm in-negozjant responsabbli ghal kwalunkwe haga li tmur hazin u/jew jipprova jaqla' lira minn fuq dar l-istess. Is-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha, ansi jidher ampjament car mill-provi prodotti, illi hemm element ta' esagerazzjoni da parte tar-rikorrent, speċjalment meta wiehed jikkonsidra illi fuq ammissjoni tieghu stess it-'tour' in kwistjoni kien tajjeb hafna, pero' l-ilmenti tieghu jirrigwardaw biss is-semplici fatt illi s-socjeta' ntimata ma implimentatx bil-punto e virgola dak li kien hemm ikkwotat fil-'brochure' taghha. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

Avv. Gabrielle Buttigieg
Arbitru